**15 ta' Diċembru 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Victor R. Sammut, B.A., LL.D.**

**Joseph Barbara**

*versus*

**Carmelo Barbara**

**Transazzjoni — Self — Preżentazzjoni — Art 1820, 2261(e) 2265 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Transazzjoni ttemm biss il-pendenzi li ġew kontemplati mill-partijiet meta ttransiġew u avvolja jiġu użati espressjonijiet*

*li juru li saret transazzjoni ġenerali, il-Qorti ma tistax tiċħad lill-partijiet id-dritt li jipprovaw li xi pretensjoni ġdida tagħhom ma kienetx kompriża fit-transazzjoni.*

*Biex tiġi akkolta eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-eċċipjent irid jikkonferma bil-ġurament li ma huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk ħallasx.*

*Ma hux biżżejjed li hu jixhed li hu ma jafx li għandu jagħti, għax din il-formola hija suffiċjenti biss f'każ ta' eredi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' mitt lira (£100) li hu ssellef mingħand l-attur "brevi manu", bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Mejju, tal-1965 kontra l-konvenut, u bl-imgħaxijiet legali u b'riserva ta' krediti ulterjuri u azzjonijiet oħra kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut (fol. 5 tal-proċess), li biha qal illi hu m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex, apparti konsiderazzjonijiet oħra, kull pendenza bejniethom ġiet likwidata bonarjament, kif jirriżulta mill-kuntratt stipulat fis-sbatax (17) ta' Ġunju elf disa mija u tlieta u ħamsin (1953) fl-atti tan-Nutar Dottor Francesco Tabone Adami, u illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju tal-premess, għandha tiġi applikata l-preskrizzjoni, kontemplata fl-artikolu 2261(e) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat:

L-attur fix-xhieda tiegħu (fol. 16) iddikjara: Illi ċirka s-sena 1946, huh, il-konvenut, li kien ħa uffiċċju tal-lotto, kellu jagħmel depożitu ta' mitt lira (£100) mal-Gvern. Dawn il-mitt lira (£100) silifhomlu hu mingħajr skrittura, u l-konvenut obbliga ruħu li jagħtihomlu lura meta jkun jista'. Ftehim dwar imgħax ma sarx. Fil-1961 il-kontendenti kienu Ruma, u darba waqt li kienu passiġġata flimkien l-attur talbu biex iħallsu meta jkun jista'. Il-konvenut wieġbu: "Kollox sewwa, issa nagħmel mill-aħjar".

Il-konvenut, min-naħa l-oħra xehed li ma għandu l-ebda idea li l-attur silfu mitt lira. Aċċetta li kienu Ruma flimkien, imma qal li ma għandu ebda idea, u mhux probabbli, li sar id-diskors li semma l-attur. Aċċetta wkoll illi kellu jsir minnu depożitu ta' mitt lira mal-Gvern meta huwa fetaħ banka tal-lottu, però qal illi f'dik l-okkażjoni kellu flus u d-depositu sar minn flusu.

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Ġiet esibita kopja tal-kuntratt tas-17 ta' Ġunju 1953 (Dok. X fol. 9 sa 12) li bih il-konvenut isostni li ġiet likwidata u magħluqa kull pendenza bejniethom.

B'dan il-kuntratt l-attur ittrasferixxa lill-konvenut, b'titolu ta' permuta, is-sehem li kellu mill-wirt ta' Francesco Barbara.

Fil-parti konklusiva tal-kuntratt ta' permuta ġie dikjarat (fol. 12): "Inoltri l-komparenti Sinjuri Giuseppe u Carmelo aħwa Barbara jiddikjaraw għal kwalunkwe fini u effett tal-liġi

illi huma illikwidaw bonarjament il-pendenzi kollha li kellhom bejniethom u li huma ma għandhomx x'jaqsmu aktar ma' xulxin u għaldaqstant il-lum iħallu lil xulxin ampja u finali riċevuta".

Meta sar l-imsemmi kuntratt, iddikjara l-attur (xhieda a fol. 16) il-mitt lira ma kellhom x'jaqsmu xejn miegħu u ma ssemmew bl-ebda mod.

Ġie kostantement ritenut mill-Qrati tagħna, a bażi ta' l-Art. 1820 Kodiċi Ċivili (ġia Art. 1486 ta' l-Ord. VII tal-1868) illi t-transazzjoni ttemm biss il-pendenzi li ġew ikkuntemplati mill-partijiet meta ttransiġew; u avvolja jiġu użati espressjonijiet li juru li saret transazzjoni ġenerali, il-Qorti ma tistax tiċħad lill-partijiet id-dritt li jippruvaw li xi pretensjoni ġdida tagħhom ma kienitx kompriża fit-transazzjoni (*App. 31.5.1935* Neg. Joseph Darmanin noe vs BaBnchiere Giovanni Scicluna, Kollez. Vol. XXIX, i, 1237).

Dan il-prinċipju għandu japplika wkoll għall-każ tal-kuntratt in kwistjoni, fejn il-partijiet kienu ovvjament qegħdin jikkontemplaw il-wirt kemm imsemmi u jitterminaw il-pendenzi tagħhom in konnessjoni miegħu.

Għalhekk ma jistax jingħad illi dak il-kuntratt ippreveda u rrisolva l-kreditu pretiż f'din il-kawża.

*Konsegwentement* l-ewwel *eċċezzjonijiet* tal-*konvenut* hija *nfondata* u ma tistax tiġi akkolta.

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut hija l-preskrizzjoni brevi kontemplata mill-Art. 2261 (e) Kodiċi Ċivili, ċioè dik ta' ħames snin għall-azzjonijiet għal radd ta' flus mogħtija

b'self, meta s-self ma jirriżultax minn att pubbliku.

Għal din il-preskrizzjoni japplika d-dispost ta' l-Art. 2265 skond liema l-preskrizzjoni m'għandhiex effett jekk il-parti li teċċepiha, meta jingħata lilha l-ġurament, ma tistqarrx li ma għandhiex tagħti jew li ma tiftakarx jekk sarx il-pagament.

Id-diċitura ta' din id-disposizzjoni hija dissimili minn dik tal-artikolu 2275 tal-Kodiċi Franċiż u minn dik tal-Artiklu 2142 tal-Kodiċi Taljan.

Il-Kodiċi Franċiż jikkwalifika l-ġurament bħala intiż "to ascertain whether there has been any payment in fact". (The French Civil Code translated into English — E. Blackwood Wright).

Il-Kodiċi Taljan isemmi d-deferiment tal-ġurament "per accettare se realmente ha avuto luogo la estinzione del debito".

Dan jimporta konferma li d-debitu jkun ġie mħallas jew ġie estint bil-modi l-oħra li jispiċċaw l-obbligazzjonijiet, bħal kompensazzjoni, remissjoni eċċ.

Il-formola speċjali tal-liġi tagħna hija diversa, u tirrikjedi, biex isseħħ il-preskrizzjoni, li l-eċċipjent jikkonferma li ma huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk ħallasx.

Il-Qorti ma hijiex sodisfatta illi l-ġurament li ħa l-konvenut iwassal għar-rekwisiti tal-imsemmi Artikolu 2265, *għaliex ma nnegax li huwa debitur u ma qalx li ma jiftakarx* jekk ħallasx, imma llimita ruħu jgħid illi ma għandux idea li ħuh silfu mitt lira u li ma għandu ebda idea, u mhux probabbli, li f'Ruma sar id-diskors li semma l-attur, jiġifieri illi kien *talbu r-restituzzjoni u li hu wiegħed li jħallas.*

Fi kliem ieħor, il-konvenut qal li ma *jafx li għandu jagħti.* Li din id-dikjarazzjoni ma hijiex biżżejjed, jidher, fil-fehma ta' din il-Qorti, mit-tieni paragrafu tal-istess Art. 2265, li jaċċetta asserzjoni simili, biex isseħħ il-preskrizzjoni, fil-każ biss li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni jkun eredi ta', jew aventi kawża mill-persuna li tagħha l-attur jippretendi li huwa kreditur.

L-attur asserixxa *illi l-konvenut irrikonoxxilu l-kreditu* tiegħu f'Ruma fis-sena 1961, u l-Qorti ma ssibx raġuni l-għala ma għandux *jitwemmen.* Dan ir-rikonoxximent jikkostitwixxi interruzzjoni tal-preskrizzjoni, peress li minn dik id-data ma ddekorriex il-perijodu ta' ħames snin.

Għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fil-meritu min-naħa tal-attur teżisti asserzjoni kategorika u preċiża tiegħu dwar il-pretensjoni tiegħu, *kif jidher mid-*deposizzjoni tiegħu fuq riferita, u minn naħa tal-konvenut ma hemmx ħlief dikjarazzjoni pjuttost vaga li biha qiegħed jipprova jeħles mill-kreditu avanzat mill-attur.

Għalhekk it-talba tal-attur tinsab pruvata.

Għaldaqstant:

Tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut.